**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Novembru 2015**

**Kawza Nru. 4**
**Ref. Kost. Nru. 38/13 JZM**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**

***kontra***

**Stephen Caruana**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Illi fil-procediment li qieghed jinstema` mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Stephen Caruana huwa akkuzat *inter alia* talli f`Hal-Qormi nhar id-19 ta` Dicembru 2008 ghall-habta tas-siegha ta` filghodu fil-fond "Carm Joe" sitwat fi Triq id-Drama, dolozament bil-hsieb li joqtol lil Neville Baldacchino jew li jqeghdlu hajtu f`periklu car, sparalu diversi tiri t`arma tan-nar (senter) u kkagunalu l-mewt (fol 7).

Illi fil-kors tal-procediment, l-Avukat Generali talab li jsiru ezamijiet forensici u analizi senjatament li jinhareg profil genetiku minn fuq mart l-imputat.

Illi Romina Caruana hija mart l-imputat.

Illi b`digriet taghha fl-10 ta` Mejju 2011 (fol 11 u 12), il-Qorti Istruttorja laqghet it-talba u hatret lil Dr Marisa Cassar sabiex tkun ingunta ghas-seduta ta` wara tal-procediment ghall-iskop tat-tehid ta` buccal swabs minn fuq Romina Caruana.

Illi fil-kors ta` dak il-procediment Romina Caruana pprezentat rikors fit-12 ta` Lulju 2012 (fol 24 u 25) fejn, wara li ghamlet riferenza ghall-Art 635 tal-Kap 9, u ghall-Art 8 tal- Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("**il-Konvenzjoni**") sostniet *illi kwalunkwe tehid furzat ta` testijiet forensici fuq il-persuna taghha jew relatati mal-persuna taghha nkluz it-tehid ta` samples jirfes id-dritt taghha ghall-privatezza u integrita` fizika u mentali billi jassoggettaha ghal testijiet ta` natura forensika kontra l-volonta` taghha u inoltre jirfes ukoll id-dritt taghha ghal familja billi jqeghda f`posizzjoni fejn hija tkun qeghda taghti prova fi proceduri penali li bihom akkuzat zewgha.* Ghalhekk talbet lill-Qorti Istruttorja sabiex tordna li l-kwistjoni tigi riferuta lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) skond l-Art 4(3) tal-Kap 319.

Illi wara skambju ta` noti ta` osservazzjonijiet u trattazzjoni bil-fomm, il-Qorti Istruttorja tat digriet fit-30 ta` Mejju 2013 (fol 1 sa fol 6) li *verbatim* jaqra hekk :-

*Rat it-talbiet (varji) fir-rinviju tal-Avukat Generali fejn qieghed jitlob illi jsiru minn Marisa Cassar analizi ulterjuri fuq tbajja bojod misjuba fuq polo shirt 08 CWTC CG306, u l-qalziet iswed 08 CWTC CG307; kif ukoll li Marisa Cassar ghandha tqabbel il-profili genetici femminili kollha misjuba minnha f`din l-analizi, inkluz fuq tissue 08C WG210 u fuq ezebiti ohra jekk hemm (gia` prezentati fil-kaz), u tistabilixxi jekk dawn il-profili genetici misjuba humiex tal-istess persuna femminili.*

*Kif gia` ntqal, dan l-Avukat Generali talbu ghal diversi drabi, u mill-ewwel inqalghu diversi divergenzi bejn il-partijiet – kien hawn illi fil-fatt deher l-Avukat Dr George Hyzler ghal Romina Caruana - mart l-imputat, illi taghha qed jintalab il-profil genetiku, allura li jittiehdu minn fuq il-persuna taghha samples ghal dan l-iskop.*

*Kien fuq tali talba li l-Qorti ghaddiet biex taghti d-digriet taghha datat 10.05.2011, fejn laqghet din it-talba u hatret lil Marisa Cassar ghal dan l-iskop (folio 654 – 655) Minn hawn `l hemm, l-Avukat Dr. George Hyzler, u Dr. Comodini Cachia, talbu li fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza Kostituzzjonali b`talbiet verbali, u tramite rikors a folio 659, fejn tali referenza ntalbet a bazi ta` allegat ksur, jekk il-Qorti kienet ser tipprocedi bit-tehid ta` samples minn fuq il-gisem ta` Romina Caruana, tad-drittijiet taghha sanciti u protetti taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fl-istess rikors, hemm invokat ukoll l-allegat il-ksur - jekk tali ordni kienet issehh, tal-Artikoli 5 u 6 tal-imsemmija Konvenzjoni.*

*Saru diversi trattazzjonijiet dwar din il-lanjanza mressqa minn Romina Caruana, pero` l-Avukat Generali baqa` jinsisti fuq il-gbir ta` din il-prova, u l-Qorti qatt ma rrevokat id-digriet taghha msemmi.*

*Il-partijiet talbu u ghamlu noti ta` sottomissjonijiet dwar il-lanjanza mressqa.*

*Regghet semghet it-trattazzjonijiet.*

*Illi fl-ewwel lok l-ewwel punt li gie dibattut fil-fond kien jekk Romina Caruana kellhiex interess guridiku biex tintavola d-domanda ghal din ir-referenza.*

*L-Artikolu hawn relevanti huwa 46(3) tal-Kostituzzjoni, u 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, li rispettivament jghidu :*

*"Jekk f`xi proceduri f`xi Qorti li ma tkunx il-Prim`Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta` xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija Artikoli 33 sa 45 (maghdudin), dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; u dik il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta` dan l-Artikolu, il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-decizjoni."*

*L-Artikolu 4(3) Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jghid :*

*"Jekk f`xi procedimenti f`xi Qorti li ma tkunx il-Prim`Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta` xi wiehed mid-*

*Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; u dik il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skont dan is-subartikolu, u bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-decizjoni."*

*Certament dawn iz-zewg Artikoli jitkellmu fuq ksur imqajjem waqt proceduri f`xi Qorti (eskluz ovvju dawk ta` kompetenza Kostituzzjonali). Ma hemmx indikat tali ksur lejn min hu suppost dirett. Verament u solitament tali lanjanzi huma biss imressqa mill-imputat (f`kompetenza kriminali),u qatt sa fejn tista` tiftakar din il-Qorti, mill-Proeskuzzjoni - kif gia` minnha suggerit fin-nota taghha.*

*Il-Qorti taqbel (u ghalhekk tat id-digriet taghha) li din hija prova mportanti ghall-Prosekuzzjoni, u tifhem ghala qed tigi mitluba mill-Avukat Generali, stante l-akkuzi u l-allegat mottiv ghar-reat principali. Daqstant tifhem ir-riluttanza ta` mart l-imputat ghall-istess.*

*B`dan kollu pero` ma jfissirx illi xhud, ghax semplici xhud, ma jistax jigi lez fid-drittijiet Kostituzzjonali tieghu. Allura jekk xhud, hu min hu, ser jinkrimina ruhu jekk sfurzat jaghti x-xhieda, dan m`ghandux dritt jilmenta dwar dan u jitlob id-debita protezzjoni !!*

*Issa din is-sitwazzjoni hija wahda pjuttost delikata, ghax hawn non si tratta ta` xhud normali, pero ta` mart l-imputat, lanqas "tal-imputat jew tal-persuna li fuqha jew li maghha jkun inghad li sar id-delitt.", skont l-Artikolu 397(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, dan nonostante li l-Artikolu 397(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, jaghti poteri kbar lill-Istruttur biex jigbor dawk il-provi u evidenza necessarji ghall-investigazzjoni kompleta tal-kaz in ezami. Dan ukoll irid jittiehed in konsiderazzjoni fl-ambitu tal-mara jew ir-ragel mizzewga, u l-protezzjoni li taghtihom il-Ligi bhala xhieda fl-Artikolu 635 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Rat ukoll l-Artikoli nvokati mir-rikorrenti – 5, 6, u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea; kif ukoll dawk relevanti tal-Kostituzzjoni.*

*Thoss il-Qorti, illi ghandha taghmel ezami hafif dwar dan l-allegat ksur – hafif in kwantu hawn hi Qorti Istruttorja u m`ghandha ebda kompetenza ticceciedi dwar tali ksur, wiehed ta` indolu Kostituzzjonali.*

*L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, jitkellmu wkoll dwar id-dritt sancit ta` smiegh xieraq. Sewwa qalet ir-rikorrenti li dan l-Artikolu jolqot u jissalgvagwardja d-dritt tal-presunzjoni tal-innocenza ; pero` daqstant iehor ghandha dritt il-Prosekuzzjoni u l-parte civile meta sahqet li hawn non si tratta ta` imputat jew suspettat, u li ebda proceduri in konnessjoni ma` dan il-kaz mhux ser jittiehdu fuq mart l-imputat, ghaliex minnha ma gie kommess ebda reat. Hawn qed nitkellmu fuq xhud li m`ghandu ebda konnessjoni diretta ma` dan l-omicidju, ghajr allegat adulterju li zgur illum mhux reat !!*

*Fuq hekk il-Qorti, tqis illi din il-parti tar-referenza mitluba hija wahda frivola u vessatorja.*

*L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jipprotegi d-dritt tal-liberta` u s-sigurta` tal-persuna. Verament jekk tibqa` fis-sehh l-ordni tal-Qorti ghal tehid ta` samples u ma tigix obduta minn Romina Caruana, din il-Qorti jkollha tuza xi forma ta` "compulsion" biex ir-rikorrenti taderixxi mal-ordni. Pero` tali detenzjoni, jekk ikun il-kaz, certament hija wahda li taqa` fl-ambitu ta` dak permess mill-imsemmi Artikolu jekk intiz biex tigi obduta ordni ta` Qorti. Tqis ghalhekk ukoll din il-lanjanza bhala wahda frivola u vessatorja.*

*Issa l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jghid :*

*1. Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence.*

*2. There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right* ***<u>except as in accordance with the Law and is necessary in a democratic society in the interest of national security, public safety or the economic wellbeing of the Country for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedom of others." (enfasi tal-Qorti).</u>***

*Huwa f`dan l-ambitu fl-opinjoni ta` din il-Qorti, li jrid jigi deciz jekk id-drittijiet ta` Romina Caruana bhala mart l-imputat - stante li ser tittiehed prova minn fuqha jew ahjar sample minn fuqha li tista` jintuza bhala prova f`kawza kontra zewgha, humiex qed jigu lezi, allura humiex qed jigu lezi d-drittijiet taghha "to private and family life", in kwantu mart l-imputat.*

*Il-Qorti hawn ser taghmel referenza ghal dak li nsibu fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, Peter Van Dijk, Fried Van Hoof, Arjin Van Rijn, u Leo Zwank, jinghad :*

*"Most complaints of persons who had to undergo a compulsory medical or psychological examination* ***as suspects (enfasi tal-Qorti),*** *so far were not based upon Article 8, but upon Articles 3, 5, and 6. The Commission held in those cases that such examinations constituted a normal and frequently also desirable element of the investigations concerned (Appl 986/61 XV Federal Republic of Germany, Yearbook V (1962 p 192). Had the Commission reviewed, ex officio, such examinations for their compatibility with Article 8, it should have ascertained whether they were authorised by Law and whether subjection thereto could be justified on the basis of one of the grounds of limitations in sub paragraph 2 …"*

*Taghmel referenza ohra l-Qorti ghal dak illi nsibu fil-Harris, O`Boyle & Warbick Law of the European Convention on Human Rights, Second Edition, pagna 363 :*

*"In most cases, the application of Article 8 requires a two stage test. Stage one involves considerations of whether the complaints falls within the scope of Article 8(1) and stage two concerns an examination of whether the interference is consistent with the requirements of Article 8(2). With this in mind, the following issues may arise within the course of a single application under Article 8 :*

*i. Does the complaint fall within the scope of one of the protected interests (eg `private life`) ?*

*ii. Is there any positive obligation to "respect" that interest ?*

*Under Article 8(2) :*

*iii. Has there been an interference with the Article 8 right ?*

*iv. If so,*

*a. It is `in accordance with the Law` ?*
*b. Does it pursue a legitimate aim, and*
*c. Is it `necessary in a democratic society`?"*

*Tilqa` ghalhekk it-talba ta` tali referenza ghal aktar skrutinju dwar dan, in vista` ta` dak mitlub minnha mill-Avukat Generali.*

*Ghalhekk huwa fl-ambitu ta` dan, fil-fehma ta` din il-Qorti, tenut kont allura dak li jghid l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikoli 397 u 635 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta – fuq xiex hu bbazat id-digriet ta` din il-Qorti, li l-lanjanza mressqa f`din ir-referenza ghandha tigi ndirizzata.*

*Tilqa` ghalhekk it-talba ta` tali referenza ghal aktar ezami dwar dan, in vista` ta` dak mitlub minnha mill-Avukat Generali kif gia` premess.*

Illi wara li r-referenza waslet ghand din il-Qorti, hija tat digriet fit-3 ta` Gunju 2013 fejn ordnat ir-referenza kostituzzjonali lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali, tathom sebat ijiem zmien biex jipprezentaw risposta u appuntat il-procediment ghas-smigh ghal nhar it-Tnejn 17 ta` Gunju 2013 fid-9.00 a.m.

Illi l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali pprezentaw risposta fl-fl-14 ta` Gunju 2013 li taqra hekk :-

*Illi r-referenza Kostituzzjonali maghmula fit-30 ta` Mejju 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja hija fis-sens illi t-tehid ta` kampjun minn fuq il-persuna ta` xhud li hija l-konjugi ta` l-akkuzat jillidix id-dritt ghar-rispett ghall-hajja familjari u ghall-privatezza. Ir-referenza hija redatta fis-sens illi `Ghalhekk huwa fl-ambitu ta` dan, fil-fehma ta` din il-Qorti, tenut kont allura dak li jghid l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea; l-Artikoli 397 u 635 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta-fuq xiex hu bbazat id-digriet ta` din il-Qorti, li l-lanjanza mressqa f`din ir-referenza ghandha tigi ndirizzata`*

*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti :-*

*(a) In kwantu r-referenza saret abbazi ta` l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jissottomettu illi l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli u dan peress illi dan l-artikolu huwa biss introduzzjoni ghal-lista tad-Drittijiet Fundamentali bhal ma huwa l-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni li jintroduci l-lista tad-drittijiet u libertajiet fundamentali li dwarhom l-Istati firmatarji jobbligaw ruhhom li jharsu fit-territorju taghhom. Dawn iz-zewg artikoli qatt ma jistghu jigu invokati.*

*L-esponenti jirrilevaw illi hija l-Kostituzzjoni stess illi fl-Artikolu 46 fl-ewwel subinciz tieghu jeskludi l-applikazzjoni ta` l-Artikolu 32 ta` l-istess Kostituzzjoni meta tipprovdi s-segwenti :*

*"46. (1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta` dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta` l-Artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta` din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x`aktarx ser tigi miksura dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim` Awla tal-Qorti Civili f`Malta tista` tahtar ad istanza ta` xi persuna li hekk tallega, tista`, bla*

*hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista` ssir legalment, titlob lill-Prim` Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju".*

*L-esponenti jissottomettu illi l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa biss artikolu introduttiv u mhux intiz sabiex jigi invokat bhala dritt fundamentali per se u dan peress illi l-artikoli protettivi ghad-drittijiet fundamentali huma kontenuti fl-artikoli 33 sa 45 u dan kif jipprovdi l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni.*

*(b) In kwantu r-referenza saret abbazi ta` l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jissottomettu illi bhala regola dan l-artikolu tal-Konvenzjoni jipprovdi illi kull persuna ghandha dritt ghar-rispett tal-hajja familjari taghha u ghall-privatezza taghha. Is-subinciz (2) ta` l-istess artikolu jipprovdi illi nterferenza fit-tgawdija ta` dan id-dritt ma twassalx ghall-lezjoni jekk tali interferenza saret skont il-ligi u tkun necessarja f`socjeta` demokratika.*

*Illi c-cirkostanzi tal-kaz ma jinkwadrawx fl-ambitu ta` dan id-dritt peress li l-ebda awtorita` ma ndahlet fil-hajja privata jew interferiet fil-privatezza tax-xhud. L-ordni mahruga mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja sabiex issir it-tehid ta` kampjun min fuq il-persuna tax-xhud saret sabiex tigi ottenuta informazzjoni genetika in konnessjoni ma` kommissjoni ta` reat da parti ta` terza persuna liema ordni saret ghal ghan legittimu.*

*Illi kemm il-Qorti Ewropeja u kemm il-Qrati nostrana kellhom l-opportunita` li jippronunzjaw ruhhom fuq din il-kwistjoni ta` tehid ta` kampjuni. Fil-kawza fl-ismijiet* ***Alfred Degiorgio et vs. Avukat Generali*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta` April 2013 ma nstabet l-ebda lezjoni ta` l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja bl-ordni ta` tehid ta` kampjuni minn fuq il-persuna tar-rikorrenti.*

*L-istess kien l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet* ***Schmidt v. Germany*** *deciza fil-5 ta` Jannar 2006 fejn il-Qorti Ewropeja osservat illi : "The Court notes that the respect for private life as protected by Article 8 involves respect for a person`s physical integrity. The taking of a blood and saliva sample from the applicant constitutes a compulsory medical intervention which, even if it is of minor importance, must consequently be considered as an interference with his right to privacy (see X v. The Netherlands, decision of 4 December 1979, no. 8278/78, 18 D/R 154). Such an interference gives rise to a breach of Article 8 unless it can be shown that it was "prescribed by law", pursued one or more legitimate aim or aims as defined in paragraph 2 and was "necessary in a democratic society" to attain them. The Court notes that the interference was based on Section 81a § 1 of the Code of Criminal Procedure, which is precise and accessible to all. In the present case, the taking had been ordered by a competent court as required by the above provision. Moreover, the sample had been taken by a medical doctor. Il-Qorti Ewropeja kompliet tosserva li `the taking of a blood and saliva sample was ordered in order to determine the applicant`s authorship for a criminal offence. This offence, which consisted in casting false suspicion on a third person, forgery*

*and defamation, was of a severe nature in the light of the particular circumstances of the case and was connected with the investigation of a fatal attack on a Turkish family which caused nationwide public attention. Therefore, the order served a legitimate aim, namely the interests of national security and public safety."*

*Issir ukoll riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Jalloh v. Germany*** *deciza fil-11 ta` Lulju 2006 fejn il-Qorti Ewropeja sabet lezjoni ta` l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni peress li kien hemm forcible medical intervention li ntuzat sabiex ittiehed il-kampjun kien wiehed li ecceda l-minimum level of severity u kien abbazi ta` dak l-artikolu tal-Konvenzjoni li nstabet vjolazzjoni. Madanakollu, ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, il-Qorti osservat illi `Even where it is not motivated by reasons of medical necessity, Articles 3 and 8 of the Convention do not as such prohibit recourse to a medical procedure in defiance of the will of a suspect in order to obtain from him evidence of his involvement in the commission of a criminal offence. Thus, the Convention institutions have found on several occasions that the taking of blood or saliva samples against a suspect`s will in order to investigate an offence did not breach these Articles in the circumstances of the cases examined by them (see, inter alia, X v. The Netherlands, no. 8239/78, Commission decision of 4 December 1978, Decisions and Reports (DR) 16, pp.187-9, and Schmidt v. Germany (dec.) no. 32352/05, 5 January 2006)`.*

*Illi l-Artikolu 397 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta) jitkellem dwar is-setghat tal-Qorti Istruttorja u senjatament fis-subinciz 1 jipprovdi li l-Qorti Istruttorja `tista` tordna t-tahrika ta` xhieda u l-produzzjoni ta` provi li jkun jidhrilha mehtiega, kif ukoll il-hrug ta` citazzjonijiet jew mandati ta` arrest kontra kull awtur iehor jew komplici li hija tikxef. Il-Qorti tista` tordna wkoll accessi, perkwizizzjonijiet, esperimenti, u kull hag` ohra li tinhtieg biex il-gabra tal-provi tal-kawza tkun kompluta minn kollox`. L-esponenti jissottomettu li l-ordni mahruga mill-Qorti Istruttorja sabiex jittiehdu l-kampjuni minn fuq il-persuna tax-xhud hija certament wahda legittima koperta bl-Artikolu 397 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi l-Artikolu 635 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar l-istanzi meta r-ragel jew il-mara ta` persuna akkuzata tkun tista` tixhed. L-esponenti jissottometu li minn qari akkurat ta` dan l-artikolu jirrizulta bl-aktar mod car illi dak li jittratta dan l-artikolu huwa x-xhieda viva voce. Minn naha l-ohra dak li qed tillamenta minnu x-xhud huwa l-ordni mahruga mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex jittiehdu kampjuni ghall-ghan li jsiru testijiet forensici u mhux li tinghata xhieda. Fuq il-massima lex voluit lex dixit, it-tehid ta` kampjuni ma jistax jitpogga fuq l-istess keffa ta` xhieda : li kieku l-legislatur ried illi l-Artikolu 635 tal-Kapitolu 9 japplika ghal tehid ta` kampjuni minn fuq il-persuna tar-ragel jew tal-mara tal-persuna li tkun imputata dan kien jinghad espressament fit-test tal-ligi. Minn qari ta` din id-disposizzjoni jirrizulta illi l-privilegg matrimonjali jestendi biss ghax-xhieda li tinghata bil-fomm u kull interpretazzjoni ohra ta` din id-disposizzjoni m`hijiex sorretta u ma ssibx konfront fl-istess verb tal-ligi.*

*Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta` dawn l-Artikoli.*

*Salv eccezzjonijiet ultrjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Illi fl-udjenza tal-14 ta` Ottubru 2013 sar dan il-verbal :-

*Dr. Commodini Cachia in vista ta` l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Avukat Generali fir-rigward tal-Artiklu 32 tal-kostituzzjoni ghan-nom ta` Romina Caruana tiddikjara illi t-talba ghar-referenza ma kenitx tinkludi dan l-artiklu u ghalhekk taqbel li din l-Onorabbli Qorti timxi biss fuq l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja fir-rigward ghad-dritt tal-privatezza.*

*Dr. Buttigieg tirrimetti ruhha.*

*Id-difensuri tal-partijiet jaqblu illi l-Qorti ghandha taghti decizjoni dwar din l-eccezzjoni meta tiddeciedi l-mertu.*

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Romina Caruana Gaffarena gia` Caruana u tal-Ispettur tal-Pulizija Christopher Pullicino.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li saret fl-udjenza tal-14 ta` Lulju 2015.

Illi fil-kors ta` din l-udjenza sar dan il-verbal :-

*Waqt li kienet qieghda ssir is-sottomissjoni da parti ta` Dr Josette Grech il-Qorti dderigiet lid-difensuri tal-partijiet sabiex jissenjalaw bil-preciz fil-fehma taghhom x`tikkostitwixxi r-referenza li ghamlet il-Qorti Strittorja lil din il-Qorti.*

*Abbazi ta` din id-direzzjoni, Dr Grech tiddikjara illi l-ilment ta` Romina Caruana jirrigwarda l-ordni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja datat 10 ta` Mejju 2012 permezz ta` liema l-istess Romina Caruana giet ordnata taghti buccal swabs, u dan fid-dawl tad-drittijiet taghha naxxenti mill-Art 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u fid-dawl tal-Art 635 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Min-naha taghha, Dr Buttigieg tiddikjara illi ghalkemm ir-referenza ma tissodisfax ir-rekwisiti tar-Regolament 5 tal-Avviz Legali 28/08 in kwantu l-Qorti riferenti m`ghamlet l-ebda mistoqsija cara x`ghandha tirrispondi din il-Qorti, ir-referenza kif saret jidher li dak li qed titlob lill-Qorti referenti huwa li din il-Qorti tara jekk l-Art 397 moqri mal-Art 635 tal-Kap 635 jilledux l-Art 8 tal-Konvenzjoni u l-Art 32 tal-Kostituzzjoni.*

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn dan il-procediment thalla ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti fl-assjem taghhom.

## II. Ix-xiehda ta` Romina Caruana

**Romina Caruana (jew Caruana Gaffarena)** xehdet illi hija zzewwget lil Stephen Caruana fil-10 ta` Marzu 2000. Miz-zwieg taghhom kellhom erbat itfal. Dejjem ghixu flimkien fl-istess dar. Wara z-zwieg marru jghixu fid-dar "KarmJoe", Triq id-Drama, Qormi, li hija proprjeta taghha ghaliex ircevietha minghand missierha. Fl-ahhar tlieta, erba` snin, zviluppaw id-dar biex jaghmlu flats. Illum l-appartamenti nbnew pero` jinsabu fi stat ta` gebel u saqaf. Meta beda dan l-zivilupp, marru jghixu fid-dar propjeta` ta` missierha – "Nine Yard", Luqa Road, Qormi. Ilhom ighixu f`din d-dar ghal dawn l-ahhar tlieta, erba` snin.

Tixhed illi hija mara tad-dar u tiehu hsieb lill-erba` wliedha : Samantha, Deborah, Joseph u Kyra. Minkejja l-incident li nqala` u li dwaru hemm proceduri kontra zewgha, tistqarr illi hi u zewgha qatt ma ghixu separati izda dejjem baqghu jghixu flimkien ma` wliedhom. Tghid illi mhijiex haga gusta illi hija taghti prova kontra zewgha mhux biss ghaliex hi u zewgha huma mizzewgin izda ghaliex thoss li dak imur kontra l-familja taghhom.

## III. Ix-xiehda tal-Ispettur Christopher Pullicino

**L-Ispettur Christopher Pullicino** xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta` Spettur Anzjan fil-Korp tal-Pulizija u ghal dawn l-ahhar 11-il sena jaghmel parti mill-Iskwadra kontra l-Omicidji. Huwa kien wiehed mill-investigaturi fil-kaz ta` Stephen Caruana, li kien involut fl-isparatura ta` Neville Baldacchino li sehhet fir-residenza fejn Stephen Caruana jabita mal-familja tieghu. Dakinhar tal-incident huwa mar fix-xena tad-delitt u cioe` fis-sular ta` fuq ta` dar komposta minn zewg sulari ; fit-terrazzin ta` wara li jaghti ghal fuq in-naha ta` wara tad-dar, hekk kif wiehed johrog fuq it-terrazzin fuq in-naha tax-xellug kien hem mil-katavru ta` Neville Baldacchino. Minn investigazzjonijiet irrizulta, anke b`

ammissjoni ta` l-istess Stephen Caruana, illi xi hin qabel l-isparatura, Stephen Caruana flimkien mal-familja tieghu kienu f`kamra tas-sodda fis-sular ta` isfel u sema` xi hsejjes gejjin mis-sular ta` fuq. Huwa hareg fil-kuritur, dahal fil-garage interkonness mad-dar, gab is-senter tal-kacca u tela` fuq. Kif tela` t-tarag tfacca Neville Baldacchino u dan pprova jahrab lejn it-terrazzin.

Kompla jixhed illi minn stharrig ulterjuri rrizulta li l-mara ta` Stephen Caruana u cioe` Romina Caruana kellha relazzjoni estraneja mal-mejjet Neville Baldacchino u dakinhar kienet hi stess li kienet fethet il-bieb lill-vittma sabiex jidhol id-dar. Il-mod kif iz-zarbun kien imqieghed pulit quddiem il-bieb ta` barra, il-messaggi telefonici li kellha Romina Cassar u evidenza forensika ohra, apparti l-verzjoni li tat Romina Caruana lill-pulizija, kollha jixhdu dawn ic-cirkostanzi. Romina Caruana kienet allegatament ftehmet mal-vittma illi dakinhar tal-incident, kellha tiftahlu l-bieb ta` barra wara li r-ragel jorqod. Jirrizulta li Romina Caruana telghet flimkien mal-vittma fil-kamra tas-sodda ta` fuq waqt li r-ragel taghha kien rieqed isfel u kien hemm inkontru sesswali bejniethom. Wara Caruana nizlet hdejn zewgha u halliet lill-vittma jilbes biex ikun jista` jitlaq `il barra. Fil-frattemp hi kellha tara li Stephen Caruana kien ghadu rieqed sabiex il-vittma setghet tohrog mid-dar. Kien f`dan il-mument li l-vittma x`aktarx rifes gugarell li ghamel hoss li qajjem lil Stephen Caruana. Kien ghalhekk li Stephen Caruana sab lil mara ma` genbu meta qam.

Qal ukoll illi fost affarijiet li kienu ezaminati forensikament, kien hemm diversi dokumenti fil-kamra tas-sodda fejn kien hemm il-vittma u Romina Caruana, liema dokumenti setghu allegatament intuzaw sabiex dawn tal-ahhar jiddisponu minn xi body fluids li seta` kien hemm waqt l-inkontru sesswali. Kien hemm oggetti ohra relatati direttament mal-isparatura u l-qtil ta` Neville Baldacchino fosthom senter li minnu allegatament gew sparati tiri fid-direzzjoni tal-mejjet, kif ukoll kampjuni mehuda minn fuq il-persuna ta` min allegatament spara l-arma.

## IV. <u>Sottomissjonijiet bil-miktub</u>

### 1) <u>Romina Caruana</u>

Tissottometti illi fil-proceduri kriminali, il-Qorti Istruttorja, bid-digriet taghha tal-10 ta` Mejju 2011, awtorizzat it-tehid ta` buccal swabs u hatret lill-espert Dr. Mario Cassar ghal dak l-iskop. In segwitu l-Avukat Generali talab sabiex issir analizi ulterjuri fuq tbajja bojod misjuba fuq polo shirt u qalziet iswed tal-vittma, u li l-espert tqabbel il-profili genetici femminili misjuba, inkluz fuq tissue u ezebiti ohra, sabiex jigi stabbilit jekk dawk il-profili genetici kienux ta` l-istess persuna. Kien ghalhekk illi hija pprezentat rikors quddiem il-Qorti Struttorja fejn talbet referenza kostituzzjonali billi fil-fehma taghha, it-tehid ta`

*samples* mill-persuna taghha kien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet taghha sanciti mill-Art 8 tal-Konvenzjoni, u ghalhekk l-ordni tal-Qorti Struttorja kien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet taghha hekk kif tutelati bl-Art 5 u 6 tal-Konvenzjoni.

Tirrileva illi l-fatti li ddikjarat hi bil-gurament ma gewx kontestati. Skond hi, l-allegazzjoni tal-Ispettur Christopher Pullicino li hija kellha relazzjoni mal-vittma ma kenitx sostanzjata. Inoltre l-bqija ta` dak mistqarr mill-Ispettur Pullicino kien jikkostitwixxi *hearsay evidence* u ma kienx korroborat bil-fatti.

Issostni li t-tehid tat-testijiet, kif pretiz mill-Avukat Generali, iwassal ghal tehid ta` informazzjoni privata li tappartjeni lir-rikorrenti, li la hija persuna ndizjata jew indagata ghal xi reat kriminali, u lanqas hija akkuzata. Hija l-mara tal-akkuzat u ghalhekk ma tistax titqies daqs kull xhud iehor. Din hija konsiderazzjoni mportanti tenut kont tal-protezzjoni li l-ligi taghti fil-kuntest tal-privilegg matrimonjali. Taghmel riferenza ghall-Art 635 tal-Kap 9. Il-bazi tal-privilegg matrimonjali huwa l-protezzjoni ta` r-relazzjonijiet matrimonjali u familjari.

Tirrimarka illi l-ksur tad-dritt fondamentali taghha jorigina mill-fatt li qed jigi mitlub illi tittiehed prova minn fuq il-persuna taghhha li tista` tintuza bhala prova fil-proceduri kriminali pendenti kontra zewgha. Skond Romina Caruana, il-privilegg matrimonjali jaqa` fl-ambitu tal-Art 8 tal-Konvenzjoni. Taghmel riferenza ghas-sentenzi tal-ECHR : "**Van der Heijden vs The Netherlands**" deciza fit-3 ta` April 2012 ; "**Y.F. vs Turkey**" deciza fit-22 ta` Dicembru 2003 ; "**S and Marper vs The United Kingdom**" deciza fl-4 ta` Dicembru 2008 u "**Schmidt vs Germany**" deciza fil-5 ta` Jannar 2006. Skond din il-gurisprudenza, l-Art 8 tal-Konvenzjoni jipprotegi firxa ta` aspetti tal-hajja privata ta` persuna u l-pern huwa dejjem id-dinjita` umana u l-liberta` tal-persuna. In partolari mill-kawza ta` **Schmidt**, huwa evidenti li t-tehid ta` testijiet forensici jikkostitwixxu interferenza mal-Art 8 : *"The taking of blood and saliva sample from the applicant constitutes a compulsory medical intervention which, even if it is of minor importance, must consequently be considered as an interference with his right to privacy …"*

Tghid illi l-kazi citati mill-parti l-ohra kienu jittrattaw interferenza ghad-dritt ta` persuna li kienet indagata jew suspettata, meta t-tehid kellu l-iskop li jivverifika jekk il-persuna kenitx jew le l-awtur tar-reat. Fil-kaz taht ezami, jekk hija l-persuna ndagata, b`liema mod se tkun protetta sabiex ma tinkriminax ruhha ? Jekk mhijiex persuna indagata, kif tista` tirrinunzja ghall-privilegg konjugali li huwa tutelat bl-Art 8 tal-Konvenzjoni ?

Issostni li lanqas ma jista` jinghad illi fil-kaz taht ezami l-interferenza hija gustifikata skond dak previst fl-Art 8(2) li jistabilixxi li l-interferenza tikkostitwixxi ksur jekk i) mhijiex skond il-ligi ; ii) m`ghandhiex ghan legittimu u iii) mhijiex necessarja f`socjeta demokratika.

Dwar il-punt i) Romina Caruana tissottometti illi t-tehid tal-kampjuni forensici mhijiex skond il-ligi ghaliex ghalkemm fil-process tal-kumpilazzjoni l-Qorti tista` tharrek xhieda, tordna l-produzzjoni ta` provi li jidhrilha xierqa, u tordna perkwisizzjonijiet, esperimenti u kull haga ohra necessarja ghall-gbir tal-provi, dan il-process huwa limitat b`dak li jipprovdu disposizzjonijiet ohra tal-Kap 9 in partikolari l-Art 635. L-argument tal-parti l-ohra illi l-Art 635 ma joffrix protezzjoni mit-tehid ta` kampjuni mill-konjugi, ghaliex jitkellem biss dwar li l-konjugi "*ma jistax jingieb b`xhud*" hija nterpretazzjoni zbaljata, ghaliex xhud jista` jingieb jew biex jixhed bil-fomm inkella biex jaghti kampjun forensiku.

Dwar il-punt ii) Romina Caruana tissottometti illi ladarba t-tehid mhuwiex skond il-ligi, ma jistax jinghad li ghandu ghan legittimu ghaliex mhuwiex konfortat minn disposizzjoni tal-ligi. Invece japplika l-Art 8 tal-Konvenzjoni li jipprotegi d-dritt ghall-privatezza. Dan kollu kien ikun differenti li kieku t-tehid tal-kampjun kien qed ssir minn fuq persuna suspettata jew indagata.

Dwar il-punt iii) tghid illi lanqas jista` jinghad li t-tehid huwa necessarju f`socjeta demokratika. Fl-ezami jekk interferenza hijiex necessarja, id-diskrezzjoni tal-Istat hija limitata "*where the right at stake is crucial to the individual`s` effective enjoyment of intimate or key rights*" ("**S and Marper vs The United Kingdom**"). Il-fatt illi tezisti l-ezenzjoni bl-Art 635 tal-Kap 9 huma rikonoxximent illi f`sitwazzjonijeit matrimonjali, il-bilanc ixaqleb lejn l-interess privat u mhux lejn l-interess pubbliku.

Fi kwalunkwe kaz, tghid Romina Caruana, ma tressqet l-ebda prova illi t-tehid tal-kampjun huwa necessarja ai fini tal-Art 8(2) tal-Konvenzjoni.

## 2) Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali

Jissottomettu illi dak mistqarr mill-Ispettur Pullicino ma kienx jikkostitwixxi *hearsay evidence.* Fil-fatt l-Ispettur Pullicino xehed dwar l-investigazzjonijiet tal-pulizija u dawn ma jinkwadrawx ruhhom taht *hearsay evidence* billi nvestigazzjoni hija tfittxija ta` provi. Huwa l-kompitu tal-investigatur li jigbor il-verzjonijiet tal-persuni nvoluti. Jirrizulta li l-Ispettur Pullicino kellem lill-konjugi Stephen u Romina Caruana, mar fil-post tad-delitt,

u ghamel analizi tal-messaggi telefonici skambjati bejn Romina Caruana u l-vittma. Minn dan kollu jirrizulta li ppruvat li kien hemm relazzjoni barra z-zwieg bejn Romina Caruana u l-vittma. Ghalhekk l-istqarrija bil-gurament tal-Ispettur Pullicino tikkostitwixxi prova skond il-ligi.

Dwar l-mertu, jirrilevaw illi sabiex indhil ma jkunx meqjus bhala ksur tal-Art 8 tal-Konvenzjoni, ir-restrizzjoni mposta trid tkun saret "*skont il-ligi*" u tkun mehtiega "*f`socjeta demokratika*". L-Art 8 jittratta dwar ir-rispett li l-Istat ghandu juri lejn il-jeddijiet li huma tutelati b`dak l-Artikolu. Dan ifisser li hemm obligazzjoni passiva fuq l-Istat illi ma jindahalx bla bzonn jew b`mod eccessiv f`dawk il-jeddijiet.

Dwar il-kwistjoni jekk it-tehid ta` kampjun minn fuq persuna jikkostitwix interferenza, jaghmlu riferenza ghad-decizjonijiet tal-ECHR fil-kazi "**Schmidt vs Germany**" tal-5 ta` Jannar 2006 u "**Jalloh vs Germany**" deciza fil-11 ta` Lulju 2006. Jekk it-tehid ta` kampjun jikkostitwixxi interferenza fil-privatezza ta` l-persuna, wiehed ghandu jara jekk l-interferenza twassalx ghal lezjoni tal-Art 8 tal-Konvenzjoni. Ghalkemm il-kazistika citata tittratta t-tehid ta` kampjun minn fuq persuna li tkun suspettata li wettqet reat, dik il-kazistika xorta tibqa` rilevanti sabiex wiehed ikun f`posizzjoni li janalizza jekk t-tehid ta` l-kampjun huwiex leziv ghall-garanziji moghtija mill-Konvenzjoni.

Isostni li l-ordni tat-tehid ta` kampjun minn fuq il-persuna ta` Romina Caruana saret "*skont il-ligi*" ghaliex hija permessa bl-Art 397 tal-Kap 9.

Jikkontendu illi t-tifsira li qeghda taghti Romina Caruana ghall-Art 635 tal-Kap 9 hija zbaljata, ghaliex dan l-artikolu jittratta dawk l-istanzi fejn ir-ragel jew il-mara ta` persuna akkuzata tkun tista` tixhed, u l-artikolu jirreferi ghal xiehda *viva voce*, mhux ghal hwejjeg ohra. It-tehid ta` kampjuni ma jistax jitqieghed fl-istess keffa ta` xiehda ; li kieku l-legistalur ried illi l-Art 635 ikun ighodd ukoll ghat-tehid ta` kampjuni, kien ighid hekk espressament fil-ligi. Ghalhekk il-privilegg matrimonjali huwa limitat ghall-ghoti ta` xiehda *viva voce* u xejn aktar.

Jirrimarkaw illi l-kwistjoni taht ezami tikkoncerna l-gbir ta` provi forensici. Isostnu li l-mizura hija proporzjonata, legittima u mehtiega f`socjeta demokratika sabiex jigi stabbilit bi precizjoni l-origini ta` repert. Dwar l-aspett tal-proporzjonalita` ssir riferenza ghal kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta` Ottubru 2014 fil-kawza "**Fatiha Khallouf vs Ministru ghall-Affarijiet Barranin**". Ghalhekk l-ordni ta` tehid ta` l-kampjun minn fuq il-persuna ta` Romina Caruana fl-ambitu tal-Art 397 u 635 tal-Kodici Kriminali bl-ebda mod ma jilledi d-drittijiet protetti bl-Art 8 tal-Konvenzjoni.

## V. Sottomissjonijiet bil-fomm

### 1) Romina Caruana

Tissottometti illi fil-kaz taghha l-Konvenzjoni ma tippermettiex illi tista` tkun ordnata taghti d-DNA taghha.

Tinsisti illi hija ressqet l-ahjar prova kostitwita mix-xiehda taghha,waqt li l-parti l-ohra gabet ix-xiehda ta` l-Ispettur Pullicino li hija fondata fuq *hearsay evidence.*

Tkompli tghid illi hija persuna illi la hija indizzjata, la indigata, la imputata u lanqas akkuzata. Mhijiex xhud normali ghaliex tgawdi mill-privilegg matrimonjali skont l-Art 635 tal-Kodici Kriminali.

Tghid illi l-interpretazzjoni li qeghda taghti l-parti l-ohra ghall-art 635 mhijiex korretta ghaliex jekk persuna mhijiex xhud ma tistax tkun obbligata taghti kampjun sakemm ma tkunx suspettata tal-kommissjoni ta` reat.

### 2) Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali

Iwiegbu billi jinsistu li taghhom hija prova tajba ghaliex l-Ispettur Pullicino bhala l-Ufficjal Investigattiv mar fuq il-post tad-delitt, kellem lix-xhieda u gabar l-evidenza.

Izidu li l-parti l-ohra ghall-fini tal-Art 8 tal-Konvenzjoni kellha ggib il-prova illi kien hemm hajja privata u hajja familjari x`tigi protetta. L-Art 8 huwa soggett ghal numru ta` eccezzjonijiet.

Jissottomettu illi t-talba taghhom ghal kampjun saret skont il-ligi bl-osservazzjoni tal-Art 397 tal-Kodici Kriminali.

Isostnu fuq il-bzonn ta` l-kampjun.

## VI. Konsiderazzjonijiet

**L-Art 8 tal-Konvenzjoni** jgħid :-

*(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta` daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta` dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta` delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet jew libertajiet ta` ħaddieħor"*

Fis-sentenza taghha tat-22 ta` Dicembru 2003 fil-kaz ta` "**YF vs Turkey**" l-ECHR qalet hekk :–

*The Court observes that Article 8 is clearly applicable to these complaints, which concern a matter of "private life", a concept which covers the physical and psychological integrity of a person (see X and Y v. the Netherlands, judgment of 26 March 1985, Series A no. 91, p.11, § 22). It reiterates in this connection that a person`s body concerns the most intimate aspect of private life. Thus, a compulsory medical intervention, even if it is of minor importance, constitutes an interference with this right (see X v. Austria, no. 8278/78, Commission decision of 13 December 1979, Decisions and Reports (DR) 18, p. 155, and Acmanne and Others v. Belgium, no. 10435/83, Commission decision of 10 December 1984, DR 40, p. 254).*

Fis-sentenza taghha tat-12 ta` Jannar 2006 fil-kaz ta` "**Mizzi vs Malta**" l-ECHR qalet :–

*The Court reiterates that the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary action by public authorities. There may in addition be positive obligations inherent in ensuring effective "respect" for private or family life. These obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves (see Mikulić, cited above, § 57).*

*106. However, the boundaries between the State`s positive and negative obligations under this provision do not lend themselves to precise definition. The applicable principles are nonetheless similar. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole; and in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation (see Keegan v. Ireland, judgment of 26 May 1994, Series A no. 290, p. 19, § 49, and Kroon and Others, cited above, p. 56, § 31).*

Abbazi ta` dawn l-insenjamenti, din il-Qorti tqis illi bil-fatt li Romina Caruana kienet ordnata taghti kampjun mill-persuna taghha ghall-accertamenti forensici sabiex jintuza fil-kawza kriminali istitwita kontra zewgha Stephen Caruana jilledi d-drittijiet taghha skond l-Art 8 tal-Konvenzjoni.

Mhuwiex kontestat illi Romina Caruana hija mizzewga lill-akkuzat Stephen Caruana.

Lanqas ma huwa kontestat illi l-konjugi Caruana ghandhom familja.

**Ghall-fini specifiku ta` dan il-procediment** l-allegata relazzjoni barra z-zwieg ta` bejn Romina Caruana u l-vittma ma kenitx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi ; ghalkemm din il-Qorti zzid illi anke li kieku saret din il-prova, dak il-fatt **wahdu** ma jgibx fix-xejn il-harsien moghti mill-Art 8 tal-Konvenzjoni.

Ghar-rigward tal-konsiderazzjonijiet li jahseb ghalihom it-tieni (2) subinciz tal-Art 8 tal-Konvenzjoni, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza li tat l-ECHR fis-17 ta` Lulju 2012 fil-kaz ta` "**MD and Others vs Malta**" fejn inghad hekk :–

*The Court reiterates that an interference with the right to respect for family life entails a violation of Article 8 unless it is "in accordance with the law", has an aim or aims that is or are legitimate under Article 8 § 2 and is "necessary in a democratic society" for the aforesaid aim or aims. The notion of necessity implies that the interference corresponds to a pressing social need and, in particular, that it is proportionate to the legitimate aim pursued (see Kutzner v. Germany, no. 46544/99, § 60, ECHR 2002-I).*

*70. Regard must be had to the fair balance which has to be struck between the competing interests of the individual and the community, including other concerned third parties, and the State`s margin of appreciation (see W. v. the United Kingdom, 8 July 1987, § 59, Series A no. 121, and Keegan v. Ireland, 26 May 1994, § 49, Series A no. 290).*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta` Ottubru 2015 fil-kawza "**Rosalie Darmanin vs Il-Prim Ministru**" jinghad :–

*Illi biex indhil bhal dak ikun 'skond il-ligi', jehtieg mhux biss li jsir taht is-sahha ta` xi ligi li tkun fis-sehh, imma wkoll li t-twettiq ta` kull ghamil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla razan jew uzata b`mod li hadd ma jista` jobsru (Olson vs Svezja – 24/3/1988). Fuq kollox, biex mizura ta` ndhil tkun titqies bhala wahda `mehtiega f`socjeta demokratkia`, irid jintwera li kienet wahda mnissla minn htiega urgenti socjali li tkun proporzjonali mal-ghan mixtieq (Gillow vs Renju Unit – 24/11/1986) u prevedibbli fit-thaddim taghha biex*

*taghti c-certezza tad-dritt (*__*Leander vs Svezja*__* – 26/3/1987). F`dan il-waqt ta` min isemmi li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-`rispett` li l-Istat ghandu juri ghall-jeddijiet imsemmija f`dak l-artikolu. Dan tfisser bhala obligazzjoni passiva fuq l-istat biex ma jindahalx bla bzonn jew b`mod eccessiv f`dawk il-jeddijiet (Law of the European Convention of Human Rights – 1995 – pag 321), bil-konsegwenza li mhux kull indhil huwa projbit sakemm ikun joqghod mal-ghanjiet mahsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indhil maghmul b`mod proporzjonat ma` dawk l-ghanijiet. Kif ingħad "In determining whether the interference was "necessary in a democratic society", the Court refers to the principles established in its case-law. It has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify that interference were relevant and sufficient for the purposes of paragraph 2 of Article 8 (see, inter alia, T.P. and K.M. v. the United Kingdom [GC], no.28945/9,§ 70, ECHR 2001-V, and Sommerfeld v. Germany [GC], no.31871/96, § 62, ECHR 2003-VIII.") ;*

*Illi huwa stabbilit li, fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalita` taħt il-Konvenzjoni "inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual`s fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system." ;*

Fil-kaz taht ezami, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali jikkontendu illi t-talba biex jigu prelevati l-kampjuni forensici mill-persuna ta` Romina Caruana saret skond l-Art 397 tal-Kap 9. Min-naha taghha Romina Caruana tinvoka l-protezzjoni tal-Art 635 tal-Kap 9 sabiex ma tkunx ordnata taghti l-kampjuni forensici.

Jekk jirrizulta li Romina Caruana hija protetta bil-privilegg konjugali skond l-Art 635 tal-Kap 9, allura l-ordni biex taghti l-kampjuni forensici tkun tikkostitwixxi interferenza li mhijiex skond il-ligi u allura lesiva ghad-drittijiet fondamentali taghha skond l-Art 8 tal-Konvenzjoni.

__**L-Art 635 tal-Kap 9**__ ighid :–

*(1) B`dak kollu li jingħad fl-artikolu 633, ir-raġel ma jistax jinġieb xhud favur jew kontra martu, u l-mara favur jew kontra żewgħa, ħlief meta -*

*(a) ir-reat ikun sar kontra x-xhud jew kontra l-axxendenti jew id-dixxendenti tiegħu ;*

*b) fil-każ ta` reati kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, meta r-raġel jew il-mara tal-parti imputata jew akkużata tkun persuna li fuqha jew dwarha jkun sar ir- reat jew tkun persuna li fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni tagħha l-imputat jew akkużat ikun għex ;*

*(c) b`talba tal-imputat jew akkużat għax-xiehda ta` mart jew żewġ l-imputat jew akkużat stess, meta dan jista` jixhed taħt ġurament skont l-aħħar artikolu qabel dan.*

*(2) Id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu jgħoddu wkoll jekk ir-raġel jew il-mara tal-imputat jew akkużat ikunu xhud favur jew kontra wieħed barrani illi jkun għaddej kawża flimkien mar-raġel jew il-mara tax-xhud.*

Huwa car ghal din il-Qorti illi dak li jipprovdi l-Art 635 tal-Kap 9 ighodd ghal Romina Caruana.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, huwa nsostenibbli l-argument li qeghdin igibu `l quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali illi l-Art 635 tal-Kap 9 ighodd biss ghall-ghoti ta` xiehda *viva voce* u mhux ukoll ghall-ghoti ta` kampjuni forensici abbazi tal-principju *ubi lex voluit dixit.* Ghal din il-Qorti, bl-Art 635 tal-Kap 9, il-legislatur ried illi l-konjugi ma jkunx jista` jigi mgieghel jaghti prova li tista` tintuza fi procediment kriminali kontra l-konjugi l-iehor. Mhijiex fondata l-pretensjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali illi l-Art 635 jinghata tifsira restrittiva billi jirriduci l-kelma *xhud* ghall-ghoti ta` xiehda *viva voce* ad eskluzjoni ta` kull prova ohra li tista` tinvolvi konjugi fi procediment kriminali kontra l-konjugi l-iehor. Fis-sentenza taghha fil-kaz ta` "**YF vs Turkey**" (op. cit.) l-ECHR qalet :- *"It reiterates in this connection that a person`s body concerns the most intimate aspect of private life. Thus a compulsory medical intervention even if it is of minor importance constitutes an interference with this right".* Kemm huwa dan aktar rilevanti fil-kaz tal-lum fejn jirrizulta evidenti l-iskop ghala ntalbu l-kampjuni forensici.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-fatti lamentati minn Romina Caruana fit-talba taghha ghal referenza kostituzzjonali waqt il-kawza fl-ismijiet "*Il-Pulizija (Spettur Chris Pullicino) vs Stephen Caruana*" li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja, senjatament illi l-provvediment li tat dik il-Qorti fl-10 ta` Mejju 2012 (a fol 11 u fol 12 tal-atti tal-procediment tal-lum) sabiex Romina Caruana tkun ingunta ghas-seduta ta` wara tal-kawza halli l-espert mahtura mill-istess Qorti, Dr Marisa Cassar tiehu buccal swabs mill-istess Romina Caruana, liema provvediment wassal sabiex dik l-istess Qorti taghmel ordni ta` referenza lil din il-Qorti fit-30 ta` Mejju 2013, tiddikjara illi l-provvediment tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja tal-10 ta` Mejju 2012 fil-konfront tal-istess Romina Caruana jikkostitwixxi ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-istess Romina Caruana kif tutelati bl-Art 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-**

**Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Ghalhekk qeghda tibghat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex tkompli tisma` u tiddeciedi skond il-ligi l-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Chris Pullicino) vs Stephen Caruana". Tordna li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment jithallsu mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Avukat Generali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**